MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 61/2012

**Jesmond Azzopardi**

**vs**

**Pierre Gaffiero Limited (C 34759)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur Jesmond Azzopardi pprezentat nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Pierre Gaffiero Limited (C34759) thallsu s-somma bilancjali ta' ghaxart'elef, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro (€10,688) ghall-kuntratt ta' appalt ordnat mis-socjeta' konvenuta fejn l-attur ghamel u esegwixxa skond is-sengha u l-arti l-*plumbing* u l-elettriku inkluz il-katusi tad-drenagg fil-blokk bin-numru estern hamsin (50) '*Doulton Court*' gewwa Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha inkluz fil-partijiet komuni tal-blokk oltre l-kumpless tal-garaxxijiet sottostanti u l-maisonettes fl-upper ground floor bin-numru estern hamsin (50) bl-ittra 'B' u dan jekk hemm bzonn bl-opera u hatra ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja 22 ta' Gunju 2011 u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat illum konkorrentement ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Pierre Gaffiero Limited ipprezentata nhar is-17 ta' April 2012 fejn eccepiet:

*"Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata fil-fatt u fid-drittijiet ghar-ragunijiet segwenti:-*

1. *Illi l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur u/jew lil siehbu Frans Borg, li kien mieghu, stante li s-socjeta' esponenti hallset ghas-saldu dak minnha dovut, kif ser ikun ippruvat waqt il-kawza;*

2. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, zgur li l-ammont reklamat mhuwiex dovut stante li x-xoghol li l-attur u siehbu kienu nkarigati jesegwixxu ma sarx skond l-arti u s-sengha, anzi sar hazin hafna tant li prattikament kellu jinqala' u jsir mill-gdid, kif ser ikun ukoll pruvat waqt il-kawza;*
3. *Illi minghajr ukoll ebda pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma esegwix ix-xoghol wahdu izda kien ma' persuna ohra, Frans Borg, u ghalhekk zgur l-ammont minnu mitlub ma huwiex dovut kollu lilu;*
4. *Illi fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura tat-30 ta' Novembru 2009 li fuqha l-attur qieghed jibbaza l-pretenzjoni tieghu, mhijiex wahda legali ghax tapacija u trasferiment li tinvolvi propjeta' immobiljari ghandha ssir b'konvenju u kuntratt u mhux sempliciment skrittura li biha l-partijiet jiftiehmu li mhumiex ser jirregistrawha!*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz."*

Rat il-verbal tat-18 ta' April 2012 fejn il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi invista tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat l-affidavit ta' **Pierre Gaffiero** pprezentat permezz ta' nota seduta stante nhar l-20 ta' Gunju 2012. Pierre Gaffiero qal li hu, bhala direttur ta' Pierre Gaffiero Limited, kien inkariga lil Jesmond Azzopardi sabiex jaghmel xi xoghol ta' *plumbing* u elettriku fil-korp tal-bini 50, Dalton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha. Jghid li ftehmu permezz ta' skrittura privata li Jesmond Azzopardi jigi pacut ghax-xogholijiet permezz ta' trasferiment ta' garaxx jew inkella li jithallas fi flus. (vide kopja tal-iskrittura privata ppubblikata fl-atti tan-nutar Dr Anthony Abela fit-30 ta' Novembru 2009 annessa u mmarkata bhala Dok PG 1). Wara sar jaf li l-iskrittura msemmija ma kinitx wahda legali peress li

tpaccija u trasferiment ta’ propjeta immobiljara ghandha ssir b’konvenju u kuntratt u mhux sempliciment bi skrittura.

Stqarr li attwalment huwa hallas lil Jesmond Azzopardi ghax-xoghlijiet li ghamel ghas-saldu permezz ta’ sensiela ta’ cekkijiet (vide kopja tac-cekkijiet annessi u mmarkati bhala Dok PG2-13) fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u tmenin Ewro (€21,880) liema cekkijiet gew kollha accettati u msarrfin mill-istess Jesmond Azzopardi.

Iddikjara li x-xoghol tal-*plumbing* u elettriku li sar minn Jesmond Azzopardi tant sar b’mod hazin u traskurat, illi kellu jinqala’ u jsir mill-gdid b’hafna spejjez zejda ghall-kumpanija; u dan kif jistghu jixhduh il-Periti Mannie Galea, Enio Ellul u Daniel Grima, l-Inginiera Albert Ellul (Dok PG 14) u Vincent Rapa (Dok PG 15) u l-abitanti tal-blokka tal-flats in kwistjoni fosthom Marco Gauci, Alex Azzopardi u Charles Camilleri.

Zied jghid li Jesmond Azzopardi pprezenta rikors fl-14 ta’ Novembru 2011 fejn talab il-Qorti sabiex tohrog hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-kumpannija tieghu biex tinzamm milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi minn xi propjeta’, u b’xi mod partikolari mill-fond in kwistjoni fejn saru x-xoghlijiet, inkluz il-partijiet komuni tal-blokk u l-garaxx li jinsab fil-livell tal-basement. Permezz tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta’ Dicembru 2011, din it-talba giet michuda.

Semma li permezz tal-ittra datata 21 ta’ Gunju 2011 mibghuta lis-socjeta’ tieghu mil-legali ta’ Jesmond Azzopardi, hu gie mitlub ihallas l-ammont ta’ elf,

sebgha mija, sebgha u erbghin Ewro (€1,747) (Dok PG 16); illi bl-ittra datata l-ghada 22 ta' Gunju 2011 l-ammont allegatament dovut gie l-ewwel irrangat ghal sbatax-il elf, erba' mija u sebghin Ewro (€17,470) (stante zball) imbghad gie mnaqqas b'erbat elef seba' mija u tnejn u tmenin Ewro (€4,782) (stante hlas) biex il-bilanc allegatament dovut huwa tnax-il elf, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro (€12,688) (Dok PG 17); illi permezz tal-ittra datata 4 ta' Lulju 2011 l-ammont rega' zdied ghal sbatax-il elf, erba' mija u sebghin Ewro u tletin centezmu (€17,470.30) (Dok PG 18); bil-Mandat ta' Inibizzjoni 3310/11 datat 11 ta' Novembru 2011 l-ammont imsemmi bhala kreditu huwa dak ta' ghaxart elef, sitt mija u tmienja u tmenin Ewro (€10,688) (Dok PG 19). Dan juri bic-car l-istat konfuzjonarju da parti tal-attur Jesmond Azzopardi.

Ikkonkluda l-affidavit tieghu billi qal li l-ebda ammont m'hu dovut lil Jesmond Azzopardi mill-kumpanija Pierre Gaffiero Ltd, u dan peress li l-istess kumpannija kienet hallsitu ghas-saldu ghall-imsemmija xoghlijiet.

**Pierre Gaffiero rega'** xehed fis-26 ta' Settembru 2012 u kkonferma li huwa jahdem bhala kuntrattur. Ikkonferma li x-xoghlijiet li saru konsistenti f'xi xoghol ta' *plumbing,* elettriku u katusi tad-dranagg, saru fil-fond 50, Doulton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha. Saru wkoll xi xoghlijiet ta' *intercom work* u *air conditioning*. Pero' dawn ma sarux biss mill-attur prezenti, izda saru mill-attur flimkien ma' Frans Borg.  Spjega li x-xoghol ma sarx fil-flats kollha ta' dan il-blokk. Qal fil-basement hemm ukoll sitt garaxxijiet. Xoghol fil-basement pero' l-attur ma ghamel xejn. Ikkonferma li x-xoghol tad-dranagg mbeda minn persuna ohra u tkompla biss mill-attur. Mhux minnu li l-materjal kien jixtrih l-attur. Qal li l-materjal kien jixtrih hu u ghandu l-ircevuti sabiex jipprova dan. Huwa spjega li kienu ghamlu maghhom ftehim li gie esebit fl-atti u mmarkat

bhala dokumant PG1. Pero' in segwitu l-garaxx ma giex trasferit lill-attur izda gie trasferit lil terza persuna. Meta sar dan it-trasferiment l-attur kien prezenti u kien jaf bih. Sostna li l-ammont li kien ntrabat li jhallas lill-attur u fil-fatt hallsu u hallsu cash. Fil-fatt ghandu l-evidenza dwar dan, liema evidenza tinsab inserita fl-atti flimkien mal-affidavit li huwa pprezenta. Spjega ulterjorment li fil-fatt l-ammont li gie mitlub ihallas mill-attur huwa ezattament l-ammont li effettivament hallas kif hemm miktub fl-affidavit li ta. Huwa minnu, li fis-subinciz B, hemm miktub li kien hemm bilanc li kellu jithallas pero' jixtieq jghid li n-negozjati li saru wara ssuperaw dan il-ftehim u ma kkancellawx dan il-ftehim. L-ammont imsemmi fis-subinciz A tal-ftehim immarkat bhala Dokument PG1, u cioe' €17,470.30, huwa l-ammont li kellu jithallas l-attur, liema ammont ikkonferma bil-gurament li kien hallsu. Qal li ma jistax jispjega ghaliex fis-subinciz B hemm imsemmi li ghad irid jithallas xi bilanc, ghax fil-fatt bilanc ma kienx hemm. Pero' cahad li effettivment illum il-gurnata baqa' xi bilanc. Fil-fatt sostna li huwa l-attur li ghandu jaghtih. Huwa minnu li l-attur flimkien ma' Frans Borg ghamlulu xi xoghlijiet ohrajn. Pero' fuq ix-xoghol l-iehor ma kienx hemm kontestazzjoni.

Nhar l-24 ta' Ottubru 2012 l-attur **Jesmond Azzopardi** ipprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok JA u li permezz tieghu iddikjara illi:

Huwa jahdem bhala *electrician* u jaghmel xoghol ta' *plumbing* u *airconditioning* u ilu jaghmel dan ix-xoghol minn meta kellu 18-il sena. Zied jghid li llum huwa ghandu erba u erbghin (44) sena u kkonferma li ghandu l-licenzja kemm ta' plumber kif ukoll ta' *electrician.*

Tenna li kien gie nkarigat sabiex jaghmel xoghol ta' appalt ghall-Pierre Gaffiero Limited fejn kien gie nkarigat jaghmel xoghol ta' *plumbing*, elettriku, drenagg, *intercom work* u *airconditionin*g fil-blokk bin-numru 50 bl-isem 'Doulton Court' gewwa Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha.

Iddikjara li x-xoghol imsemmi, ghamlu kemm fil-garaxxijiet sottostanti, fil-maisonette kif ukoll fl-appartamenti 1 sa 5 inkluzi kif ukoll fil-penthouse. Zied jghid li ghalhekk il-blokk jikkomprendi minn sitt appartamenti, maisonette u kumpless ta' sitt garaxxijiet.

Esebixxa xi ritratti li ha tal-blokk Doulton Court kif ukoll tar-rampa li taccedi ghall-garaxxijiet u tal-maisonette tal-blokk, li gew esebiti bhala **Dokumenti A1 sa A4** inkluzi.

Ikkonferma li rcieva s-somma bilancjali ta' sbatax-il elf u hames mitt ewro (€17,500) li jirrapprezentaw parti mill-ispejjez tieghu u wkoll mid-drittijiet tieghu ta' appaltatur (kemm tieghu u kemm tal-assistant tieghu Francis Borg) u spjega li baqghalu jiehu bilanc rimanenti ta' ghaxart elef, sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€10,688) oltre l-imghaxijiet legali mit-22 ta' Gunju 2011 sad-data ta' meta jithallas dan l-ammont bilancjali.

Stqarr li x-xoghol ta' appalt ghamlu fis-sena 2010 u thallas sbatax-il elf u hames mitt ewro (€17,500) permezz ta' cekkijiet varji. Ikkonferma wkoll ic-cekkijiet li esebixxa Pierre Gaffiero pero' zied jghid li baqa' bilanc ta' ghaxart elef, sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€10,688).

Esebixxa wkoll il-*breakdown* tal-ispejjez u ta' xoghlu (u tal-persuna li tahdem mieghu) inkluz tal-labour tieghu u tal-persuna li tahdem mieghu li jismu Francis Borg, immarkat bhala **Dokument B**.

Tenna li meta ffirma l-ftehim tat-30 ta' Novembru 2009 li kopja tal-ftehim qieghed anness mal-avviz tal-kawza, iddikjara li hu kien talbu li ried ftehim bil-miktub sabiex jaghmel l-inkarigu. L-attur spjega li Pierre Gaffiero kien accetta, u kien hadu ghand in-Nutar tieghu Toni Abela gewwa r-Rabat. Ikkonferma li lin-Nutar Toni Abela ma kienx jafu qabel.

Huwa kkonferma li kien iffirma l-ftehim u kien lest jaccetta dak il-garaxx li hemm referenza ghalih fil-ftehim bhala parti mill-prezz dovut lilu, pero' Gaffiero biegh il-garaxx minn kif seta' juri mir-ricerki li ghamel ta' Pierre Gaffiero Limited. L-attur iddikjara li huwa qatt ma kien prezenti ghall-kuntratt u lanqas qatt ma gie nfurmat li kien se jbiegh tali garaxx. Tenna li skond il-ftehim taghhom tat-30 ta' Novembru 2009, Pierre Gaffiero kellu jinformah b'xahar avviz. Kompla jghid illi mhux talli ma tahx xahar avviz, imma lanqas ma kien jaf xejn u sar jaf biss meta l-avukat tieghu ordnalu r-ricerki tal-istess socjeta' Pierre Gaffiero Limited li hu sar jaf b'dak il-kuntratt. Esebixxa kopja tal-insinwa tal-kuntratt immarkat bhala **Dokument C**.

Huwa sostna li ghalhekk qed jitlob il-bilanc li huwa dovut lilu ta' ghaxart elef, sitt mija w tmienja u tmenin ewro (€10,688) oltre l-imghaxijiet legali mill-ittra legali li baghatlu tat-22 ta' Gunju 2011 sal-pagament effettiv oltre l-ispejjez

inkorsi minnu tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 529/2012 u oltre wkoll l-ispejjez tal-kawza.

L-attur tenna li huwa kien zamm mal-obbligi kollha tal-ftehim minn naha tieghu u ghalhekk jippretendi li l-konvenut ghandu jzomm mal-obbligi tieghu u jhallas ghal dak li huwa dovut lilu.

Stqarr li m'huwiex minnu li huwa qabbad lil xi hadd iehor, ghax huwa qatt ma rcieva ittra fis-sens li x-xoghol tieghu ma kienx skond is-sengha u l-arti minghand Pierre Gaffiero Limited. Zied jghid li kien biss wara li beda proceduri kontra tieghu li Pierre Gaffiero beda jivvinta l-istejjer sabiex jipprova jiskapriccjah.

Huwa kkonferma li din hija l-ewwel darba li kellu jtella klijent tieghu l-Qorti imma ma jistax ikun li jibqa' skapriccjat b'somma sostanzjali bhal din, li fl-ahhar huma tieghu u jridhom sabiex ihallas spejjez u taxxi u juzahom ghall-bzonnijiet tieghu u tal-familja tieghu.

Iddikjara li Pierre Gaffiero anki mar jirrapportah mal-VAT Department wara li fetah din il-kawza kontra tieghu. Zied jghid li x-xoghol kollu tad-drenagg, dawl u ilma, kif ukoll tal-*airconditioning* fil-maisonette, ghamlu kollu hu fil-blokk. Sostna li mhuwiex vera li Pierre Gaffiero hallas ghall-materjal. Huwa ddikjara li huwa in persona kien li dejjem hallas ghall-materjal u li ghandu ircevuti sabiex juri dan.

Tenna li xtaq isemmi wkoll li Pierre Gaffiero qatt u qatt ma lmenta kemm verbalment u/jew bil-miktub fuq ix-xoghol li ghamel hu u/jew Francis Borg, izda kif u meta huwa beda jinsisti ghall-flusu u ntavola proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 3311/2011 fl-14 ta' Novembru 2011, quddiem il-Qorti sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, Gaffiero beda jivvinta affarijiet li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Huwa cahad totalment din l-allegazzjonijiet tieghu u jahlef li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti.

Huwa kkonkluda li huwa qatt ma ra u kien jaf b'dawk iz-zewg rapporti tal-Inginiera Ellul u Rapa li esebixxa Gaffiero datati Lulju 2011. Zied jghid li huwa sar jaf bihom biss fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni. Tenna li kien biss wara l-ewwel ittra li baghat l-avukat tieghu fil-21 u fit-22 ta' Gunju 2011 u li huwa esebit mal-affidavit ta' Pierre Gaffiero li ddecieda li jqabbad l-Inginiera. Iddikjara li huwa qatt ma kien jaf bl-Inginiera u lanqas ma kien jaf bir-rapporti.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha pprezentat zewg affidavits ta' Carmel Camilleri u Mario Gauci li gew immarkati bhala Dok. PGL1 u Dok. PGL2 rispettivament.

**Marco Gauci** spjega fl-affidavit tieghu li huwa ilu jahdem bhala *plumber* u *electrician* ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena. Zied jghid li huwa ssar jaf lil Pierre Gaffiero peress li ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, huwa kien gieli ghamel xi xoghlijiet ta' dawl u ilma ghall-kumpanija tieghu Pierre Gaffiero Ltd. Ix-xhud tenna li madwar sentejn ilu, Pierre kien talbu sabiex jirranga d-dawl u ilma fl-appartamenti numru 1 u 2 fil-korp tal-bini 50, Doulton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha. Qal ukoll li meta mar fuq il-post tah parir biex jaqlghalu s-sistema tad-dawl u ilma u jerga' jsir kollox mill-gdid.

Stqarr li meta kien qed jaghmel ix-xoghlijiet f'dawn l-appartamenti, Pierre kien talbu biex jirranga x-xoghol tad-dawl u ilma fil-*common parts* ukoll. Ikkonferma li meta mar fil-common parts, induna li l-katusi ma kienux saru skont is-sengha peress li kienu neqsin mill-kolla. Iddikjara li kien hemm il-*flushings* u d-*drains* iqattru fix-*shaft*. Sostna li huwa rrifjuta li jirranga l-katusi ghax hass li kellu jinqala' kollox u jerga' jsir mill-gdid. Ikkonferma li lil Pierre kien tah parir biex jitkellem ma' min kien ghamel ix-xoghol sabiex jirrangahom hu.

**Carmel Camilleri** spjega fl-affidavit tieghu li ilu jaf lil Pierre Gaffiero peress li ilu jaghmel xoghlijiet ta' *general maintenance* ghall-kumpanija tieghu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Tenna li sentejn ilu, Pierre kien inkarigah jaghmel xi xoghlijiet fil-korp tal-bini 50, Doulton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha.

Huwa jiftakar li Pierre Gaffiero kien inkariga lil certu Jesmond Azzopardi sabiex jaghmel xoghlijiet tad-dawl u tal-ilma f'dan il-korp tal-bini. Sostna li x-xoghol ma tantx sar tajjeb u kif titlob is-sengha. Fil-fatt, il-persuna li xtrat il-penthouse fl-istess korp ta' bini xejn ma kien sodisfatt bix-xoghlijiet ta' *plumbing* u elettriku li saru fil-fond tieghu. Zied jghid li fl-istess fond kien hemm il-*flushings* iqattru fis-*shaft,* u kellha tinbidel is-sistema tad-dawl.

Huwa jaf li fl-appartamenti 1 u 2, kellha titbiddel is-sistema kollha tad-dawl u tal-ilma, u kellu jsir kollox mill-gdid. Stqarr li huwa nzerta sar jaf dan kollu peress li l-ewwel nett kien ikun ma' Pierre Gaffiero fil-post in kwistjoni jaghmel xi xogholijiet u barra minn hekk, jaf lill-Perit li huwa s-sid tal-appartamenti

numru 1 u 2. Iddikjara li dan kellu jbiddel prattikament kollox ghar-rigward ta' dawl u ilma f'dawn l-appartamenti, u kien inkariga lill-electrician Marco Gauci biex jaghmel kollox mill-gdid.

Tenna li barra minn hekk, fl-appartament numru 4, kellhom jitbiddlu l-*wires* tal-*electrical cooker*. Madanakollu zied jghid li fl-appartamenti kollha, inkluz il-*penthouse,* kellhom jitbiddlu c-*circuit breakers* peress li ma kinux ta' amperagg kif suppost. Ikkonferma li fil-fatt, l-amperagg tac-circuit breakers li saru minn Jesmond Azzopardi kienu ta' 0.1 minflok ta' 0.03, u ghaldaqstant, kienu perikoluzi immens.

Ikkonkluda li x-xogholijiet li ghamel Jesmond Azzopardi ma sarux kif suppost u skont kif titlob is-sengha. Zied li fil-fatt, Pierre kellu jqabbad Inginier biex jiccekja x-xoghol li sar fil-Blokk, u l-maggor parti tax-xoghol tad-dawl u l-ilma kellu jinqala' u jsir mill-gdid, u dan b'hafna spejjez zejda ghall-kumpanija ta' Pierre Gaffiero.

**Il-Perit Daniel Grima** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn stqarr li huwa kien xtara zewg appartamenti fil-blokk ta' appartamenti maghrufa bl-isem ta' Doulton Court, gewwa Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha liema propjetajiet kien xtrahom minghand Pierre Gaffiero Limited. Qal li kien xtara dawn iz-zewg appartamenti fi stat komplut. Stqarr li sussugwentament ghamel xi xogholijiet fihom, fosthom waqqa' xi hajt divizorju biex ikabbar xi kmamar. Sostna li meta xtara l-appartamenti, mill-bidu nett induna meta hares barra mix-*shaft* li l-katusi li jghaddu mix-*shaft* kienu diffettuzi, fis-sens li meta wiehed jifflaxxja l-ilma johrog minn dawn il-katusi. Huwa spjega li dawn il-katusi kienu bojod u bejn connection ta' katusa ma' ohra hemm it-tbajja li jindika li kien hemm hrug

tal-ilma u cioe' perkolazzjoni. Huwa kkonferma li bhala servizzi kellu biss il-komnikazzjoni tad-dawl u peress li ghamel xi alterazzjonijiet fuq gewwa, stqarr li ma jista' jghid xejn dwar dan. Esebixxa rapport maghmul minnu u li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument DG, dwar id-difett li huwa tkellem dwaru.

**Il-Perit Daniel Grima** riprodott, rega' xehed dakinhar tal-24 ta' Ottubru 2012 fejn ikkonferma li ghandu wkoll garaxx, *basement level*. Qal li fil-faccatta tal-garaxx tieghu hemm tieqa fuq gewwa. Iddikjara li kull darba li jkun hemm il-flushing iqattar, dan iqattar ghal go fiha, anke rigwardanti l-ilma li jinzel minn drains normali.

Fil-fatt mir-rapport tieghu li huwa esebit a fol. 65 immarkat bhala Dok DG jidher li l-perit kien spezzjona l-fond u kkonkluda s-segwenti dwar il-plumbing li kien hemm "*please note that the plumbing works carried out at the premises in question are not according to good practice and standard. All visible pipe work located in the internal yard of the said property and along the common area at basement level show signs of (foul/clean) water leakage. The latter indicates that prior to the handing over, proper water pressure tests were not carried out to ensure the pipe work installed is water tight, thus avoiding water from leaking into third party property*."

**Il-Perit Daniel Grima** xehed in kontro-ezami fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa xtara l-ewwel sular ta' Dolphin Court appartment 1 and 2 u niffidhom. Fil-fatt meta rahom, kien rahom bhala zewg appartamenti u xtrahom taht il-kundizzjoni li Pierre Gaffiero kellu jniffidhomlu u hekk ghamel. Ix-xhud meta xtara dan il-post xtrah finished bhala appartment wiehed. Meta kien ra l-appartament l-ewwel darba ma jidhirlux li l-installazzjoni tad-dawl u l-ilma

kienu fil-fatt fil-post. Huwa ma qaghadx jiccekja b'mod preciz, pero' meta finalment sar il-kuntratt l-elettriku kellu jkun mghoddi minghajr l-arlogg.

Il-Perit tenna li huwa kien ghamel tibdil fl-elettriku u dan mhux ghax haseb li kien hemm xi affarijiet hziena izda biex jakkomodaw il-gosti tieghu. Huwa ddikjara li lill-Inginier Vincent Rapa ma jafux u ma kellux x'jaqsam xejn mieghu. Meta huwa xtara l-post innota li kien hemm certu difetti. Il-*grouting* tal-madum ma kienx qieghed tajjeb u meta habbat kien hemm certu madum li kien vojt, u ghalhekk ix-xhud rega' qabbad in-nies sabiex jerga' jaghmel l-art mill-gdid. Ghalhekk rega' ghamel *conduit* gdid ghall-elettriku pero' x-xoghol kien lest. Pero' huwa ma jistax jikkumenta dwar ix-xoghol tal-*conduits* u hekk u lanqas fuq il-*cables* li twahhlu. Fil-fatt fil-katusi kien hemm difett fis-sens li wara li kien xtara l-appartament innota li kien hemm carcir ma' katusa mal-faccata tieghu fil-bitha nterna mwahhla. Fil-*connection* ezatt kien hemm qisu ahdar li jaghmel il-haxix u nduna li kienet qed tillijkja u meta kienu jifflaxjaw kien jisma' xi ilma niezel. Huwa ma rrizultalux ghaliex effettivament kien hemm il-leakages f'dawn id-drains. Il-flat tieghu kien l-ahhar wiehed li kien lest mill-blokk.

Huwa spjega li wiehed mill-flats ta' fuqu kien ghadu ghall-bejgh, l-iehor kien hemm xi barranin jghixu go fih u jigu ghas-sajf waqt li l-penthouse kien abitabli. Il-hdura fil-katusa in kwistjoni hija bhal dik murija fit-29 pero' ma jistax jikkonferma jekk hix l-istess katusa jew le. Il-post tieghu ghad ma ghandux ilma u dawl, u ma qabbadx mas-sistema tad-drains sallum. Il-post tieghu qieghed ghall-bejgh. Mistoqsi jekk rax xi haddiema ohra jahdmu fuq is-sistema tal-ilma f'dan il-blokk, qal li le ma rax.

Gie moqri lilu affidavit li kien irrilaxxja u qal li effettivament dak huwa kollu minnu. Huwa kkonferma li mit-tieqa tieghu l-katusi li ra kienu difettusi ghax ra l-ilma hiereg mill-connection. Huwa ra l-*white sections* fejn jilqghu l-katusi l-ohrajn u qal li hemmhekk kien hemm id-difetti.

**Alex Azzopardi** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li huwa joqghod fl-appartament Doulton Court, Triq Frangisk Sciberras, Mellieha u ddikjara li kien xtara l-appartament minghand Pierre Gaffiero Limited fi stat komplut. Tenna li hu xtara l-appartament bejn wiehed u iehor fix-xahar ta' Settembru 2010. Mistoqsi kellux xi difetti, iddikjara li kellu. Ikkonferma li mill-ewwel gurnata, it-toilets kienu jqattru l-ilma u sostna li dan kien isehh b'mod partikulari meta hu kien jifflaxxja u qal li fil-fatt, kien iqattar fis-*shaft* u fil-*common area*. Iddikjara li sussegwentament kellu jgib ukoll *electrician* biex jirrangalu xi affarijiet internament, mhux ghax kellu l-problemi, izda ghaliex ried jaghmel xi enhancement. Stqarr li meta gab dan l-*electrician*, qallu li s-salvaviti li huma nstallati fl-appartament tieghu ma kienux installati kif suppost skont is-sengha u l-arti, u dan b'referenza kemm ghall-appartament tieghu kif ukoll ghall-meters li kien hemm fl-indana t'isfel fil-komun. Ikkonferma li naturalment kellu jhallas lill-*electrician* sabiex saru t-tiswijiet necessarji. Tenna wkoll li fil-*common parts* hemm xi affarijiet mhux kompluti, fosthom xi holders tad-dawl. Qal li m'hemmx dawl la fil-common parts u anqas fil-garaxx sal-gurnata prezenti. Mistoqsi min kien il-kuntrattur li hadem, ikkonferma li kien certu Jesmond Azzopardi. Mistoqsi jekk kienx hemm xi electrician iehor li tqabbad, iddikjara li sa fejn jaf hu, x-xogholijiet li kien hemm, kollha saru minn Jesmond Azzopardi.

**Il-Perit Mannie Galea** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li kien il-perit involut fil-kostruzzjoni tad-Doulton Court, fi-Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha u stqarr li fl-ahhar tax-xoghlijiet li saru rigwardanti l-finishing, is-sur Pierre Gaffiero kien talbu sabiex jaghmel rapport, b'mod partikulari tax-xoghol ta' *plumbing* u elettriku li gie nstallat fil-blokk t'appartamenti. Iddikjara li fil-fatt ghamel rapport li hu datat 21 ta' Awissu 2012, liema rapport esebixxa kopja tieghu li giet mmarkata bhala Dok. MG u kkonferma l-kontenut tieghu. Stqarr li hu ma kienx il-project manager, jiehu hsieb ix-xogholijiet kollha li saru, pero' jaf li una volta spicca l-blokk, is-sur Gaffiero kien talbu biex jaghmel *inspection* u johrog *clarification report* u sostna li dak hu li ghamel. Iddikjara li l-blokk ilu li spicca li gie kostruit sentejn u ghalkemm ix-xoghlijiet kienu tlestew xorta baqa' jmur fil-blokk. Ikkonferma li l-blokk jikkonsisti f'seba' appartamenti wara li gie mnaqqas wiehed, u qal li hemm numru konsiderevoli ta' garaxxijiet, sitta jew sebgha. Mistoqsi ghaliex ghamel dan ir-rapport, iddikjara li l-klijent kien qallu li hu ma kienx sodisfatt bix-xoghlijiet li saru u ghalhekk kien talbu biex jaghmillu rapport u zied ighid li naturalment ir-rapport tieghu kien wiehed indipendenti. Stqarr li naturalment hu kkonstata dak li ra *de viso*. Tenna li qallu li kien hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu dwar xi hlas. Mistoqsi min kien il-kuntrattur li ghamel ix-xoghlijiet, iddikjara li huwa ma kienx involut.

Minn ezami ta' dan ir-rapport datat 21 ta' Awissu 2012 li jinsab esebit fl-atti a fol 69 u mmarkat bhala Dok. MG jidher li l-Perit Galea kkonkluda s-segwenti:- *"This is to certify that I have inspected the electicity and plumbing works carried out over the above property (Doulton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha). Works have not been carried out to local craftsmanship levels. They have also been noted to be defective including evident leakages from sewage pipes located within the basement level and common areas.*

*The installation of the electrical system over a number of apartments is not completed to date with lighting power and sockets being neither terminated nor connected. They may only be brought to use upon eventual completion and testing of the electricity by a competent authority."*

**L-Ingineer Albert Ellul** xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2012 fejn ikkonferma li f'Lulju tas-sena 2011 kien avvicinah Pierre Gaffiero sabiex jivverifika u jikkjarifika certu installazzjoni li kien hemm tad-dranagg gewwa blokk appartamenti, maghrufa bhala Doulton Court, gewwa l-Mellieha. Stqarr li fil-fehma tieghu, ix-xogholijiet li kienu saru, ma sarux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk kien talbu biex jaghmillu rapport dwar dak li huwa ra. Iddikjara li ghamel ir-rapport li gie esebit prezenzjalment u li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument X. Mistoqsi jekk jafx min kien hadem fil-post in kwistjoni, sostna li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk uhud mill-appartamenti kinux diga' abitati, ikkonferma li dawk l-appartamenti li dahhlu fihom s-sur Gaffiero, ma kienux abitati. Qal li jekk mhux sejjer zball, jidhirlu li kienu dahhlu fl-appartamenti kollha. Tenna li jekk jiftakar sew, kien hemm basement garaxx u tlett sulari appartamenti. Stqarr li hu ma baqax fil-komun, izda dahal fl-appartamenti wkoll. Ikkonferma li ezamina s-sistema tas-*supply* tal-ilma u ddikjara li kienet tajba u zied jghid li ezamina s-sistema tad-dranagg, partikularment dawk li nezlin mis-shaft u sostna li kien hemm hafna *leakages* tad-dranagg li jidhru fuq id-*drains* mal-*connection* stess.

L-Inginier fir-rapport tieghu Dok X ikkonkluda s-segwenti:-

*"First class water system:*

*The first class water system installed in push fit type polybutylee pipes and fittings was examined and found to be installed correctly. No defects were found. The general method of installation is correct.*

*Sewage system:*

*During a first preliminary inspection it was noticed that the main risers in the shaft had a dark residue emanating from various pipe fittings that normally are considered as a clear indication of leaking joints. Furthermore, the floor of the service shaft directly below the sewage main risers were found to be wet due to the leaking sewage pipes.*

*Upon testing leaks were located in various connections of the main risers.*

*.....*

*It is the opinion of the undersigned that, based on the site visit and evaluation carried out on the 22nd July 2011 and to the best of my knowledge, the sewage pipe system was not installed according to the standard engineering practice. It is thus recommended that the existing sewage pipework is removed and redone in a professional manner according to standard engineering practice while taking care to apply PVC cement according to manufacturer's recommendations. The final installed system shall be tested and certified by a qualified person*."

**L-Inginier Albert Ellul** xehed in kontro-ezami fit-13 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa ghamel ir-rapport fuq domanda tas-sur Gaffiero. Filfatt kien qallu li kellu blokk appartamanti fejn ix-xoghol kien sar hazin u kien talbu sabiex jaghmillu rapport dwar dawn ix-xoghlijiet. Pero' ma kienx qallu li kien ghadu kif ircieva ittra minghand is-sur Azzopardi biex jithallas ghal bilanc lilu. Ma kienx qallu lanqas li whud mill-propjetajiet li huwa ra kienu filfatt diga' gew mibjugha. Meta huwa mar jezamina dawn il-flats, dawn kienu ghadhom miftuhin u minghajr twieqi u bla bibien. Huwa kien mar fil-flats darbtejn, darba biex ghamel il-*ventilation report* tal-MEPA dwar il-basement xi sentejn qabel u mbaghad mar biex jaghmel ir-rapport fuq ix-xoghol li kien hemm. Meta kien mar l-ewwel darba ma kien qallu xejn dwar il-kwestjoni tad-dawl. Il-binja kienet ghadha mhux mibnija u filfatt ix-xhud kien ra l-area qabel ma mbniet.

Ix-xhud spjega li mieghu kien hemm l-Inginier Vincent Trapani li hadem fil-parti tal-elettriku. Ix-xhud huwa *mechanical engineer* u l-etika hi li ma jidholx fil-kwestjoni tal-elettriku. Meta qal li s-*sewage system* ma kienx up-to-standard b'dan ried jghid li hemm xi cirka hames mitt ewro biex tigi rrangata s-sistema u dan biex isir gdid. Biex tirranga tfisser biex taqla' u tirriplejsja trid izzid mitejn ewro ohra ghax naturalment ikun hemm xoghol izjed.

L-inginier **Vincent Rapa** xehed fil-21 ta' Novembru 2012 fejn ddikjara li jahdem bhala Inginier u kien gie mqabbad mill-Perit Mannie Galea biex jaghmel spezzjoni gewwa l-font Apartment 4, Doulton Court, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha u qal li r-rapport kien sar fi stadju bikri tax-xogholijiet li kienu saru. Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument PG u kkonferma l-kontenut tieghu.

Minn ezami ta’ dan ir-rapport datat 26 ta’ Lulju 2011 a fol. 84 tal-process l-Inginier ikkonkluda s-segwenti:-

“*Based on the inspection carried out on the 22nd July and the above images taken during the inspection the electrical installation has not been completed. Neither the socket outlets nor the lighting points have been terminated and connected. Thus the electrical lighting and power installation requires to be completed and tested to the IEE and local Enemalta regulations*”.

**L-Inginier Vincent Rapa** xehed in kontro-ezami fl-4 ta’ April 2013 u saritlu referenza ghar-rapport li huwa kien ipprezenta u li jinsab esebit fl-atti u mmarkat bhala Dokument PG a fol 79. Huwa spjega li meta qal li r-rapport tieghu jikkoncerna *level three* tal-izvilupp li kien ghaddej, dan huwa t-tielet livell ‘il fuq mit-triq, il-basement mhux inkluz. Dan ma kienx penthouse izda kien appartament komuni. Naturalment l-Inginier qed jghid dan mill-memorja tieghu, ghax ilu li ghamel dan ir-rapport zmien. Huwa kien ra zewg appartamenti maghqudin f’wiehed u kien gie mitlub jaghmel dan ir-rapport fuq domanda ta’ Pierre Gaffiero. Pero’ mhux min ghandu personalment, pero’ dan sar biex iservi lilu. Ix-xhud effettivament thallas minn Pierre Gaffiero. Sa fejn jaf ix-xhud, dawk l-appartamenti kienu ta’ Pierre Gaffiero. Effettivament ix-xhud kien tkellem mal-*mechanical engineer* u huwa kien qal lix-xhud bl-inkarigu li kellu. Il-mechanical engineer kien Albert Ellul.

Ix-xhud tenna li dawn iz-zewg appartamenti kienu diga’ saru appartament wiehed, pero’ dan huwa qed jghidu mill-memorja tieghu, ghalkemm meta kien

hemmhekk il-kostruzzjonijiet ma kinux ghaddejjin. Kif jidher mir-ritratti esebiti fir-rapport tax-xhud, ix-xoghol rigward l-elettriku zgur li ma kienx lest. Fil-fatt kif hemm inkluz fil-konkluzzjoni tieghu x-xoghlijiet tal-elettriku kienu ghad iridu jigu kompletati u naturalment ittestjati skond l-IEE u local Enemalta regulations.

Meta x-xhud mar fuq il-post in kwistjoni s-sur Gaffiero kien prezenti. Huwa sostna illi s-sur Gaffiero qatt ma qallu li effettivament kien biegh il-propjeta' lil terzi u dawn it-terzi kienu talbuh xi xoghlijiet ohra fid-dawl. Huwa ddikjara li ma jafx min hu Jesmond Azzopardi. Pierre Gaffiero ma qallux lanqas li effettivament l-appartament li ra x-xhud kienu tnejn, u ghaliex kien hemm is-sur Azzopardi qed jahdem fihom, ma qallu xejn min dan. Mistoqsi jekk kienx ghad hemm xi xoghlijiet li jridu jsiru bhal tqeghid ta' madum wiegeb li ma jafx. Ghalih ix-xoghol ma kienx ghadu lest.

L-attur **Jesmond Azzopardi** xehed nhar id-9 ta' Jannar 2013 fejn ipprezenta l-affidavit redatt minnu flimkien ma' numru ta' dokumenti liema affidavit gie kkonfermat bil-gurament seduta stante. Jinghad minn ezami ta' dan l-affidavit li fil-parti kbira tieghu u cioe' mill-punt wiehed sal-punt 21 huwa l-istess bhall-affidavit tieghu gja prezentat fl-atti nhar l-24 ta' Ottubru 2012 Dok JA (fol. 53) u huma l-ahhar sitt bullets li huma differenti. F'dawn l-ahhar sitt bullets l-attur spjega li hu ma kienx jaf bir-rapporti tal-Inginiera Ellul u Rapa li kien esebixxa Gaffiero u datati Lulju 2011. Huwa sar jaf bihom fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni. Kien wara l-ewwel ittra li baghat l-avukat tal-attur fil-21 u fit-22 ta' Gunju 2011 u li huma esebiti mal-affidavit ta' Pierre Gaffiero li qabbad dawn l-inginiera. Dawn l-esperti kienu gew imqabbda wara li kien tlesta x-xoghol u kienu dahlu jghixu n-nies u saru alterazzjonijiet fl-appartamenti 1 u 2 fil-blokk.

L-attur jistaqsi kif jista' jkun li huwa jzomm kontroll fuq blokk fejn hemm il-persuni jghixu fih ghax ma jkunx jaf x'ikunu qed jaghmlu persuni ohra wara li jkun lesta x-xoghol. Li jaf hu li Pierre Gaffiero kien beda jilmenta fl-ahhar ta' Gunju 2011 meta kienet ghaddiet 'il fuq minn sena minn meta tlesta x-xoghol u minn deta dahlu n-nies jghixu fl-appartamenti rispettivi tal-blokk. Huwa jistghageb kif tghaddi sena u la Pierre Gaffiero u lanqas ir-residenti fil-blokk ma kkuntatjawh biex jilmentaw u ghalhekk sostna li s-socjeta' konvenuta qed taghmel dan biex ma thallsux dak li hu dovut lilu.

Rat in-nota pprezentata mill-attur fid-9 ta' Jannar 2013 li permezz taghha pprezenta sittax-il cash sale receipt tal-materjal li xtara ghal Pierre Gaffiero Ltd rigwardanti l-binja in kwistjoni.

**Jesmond Azzopardi** xehed in kontro-ezami fit-8 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-madum fl-appartament li ha l-Perit Daniel Grima u lanqas mal-kisi. Huwa kellu x'jaqsam biss mad-dawl u l-ilma. Huwa ma jaf xejn dwar xi haddiema li kienu ghamlu xi connections tad-dawl u tal-ilma warajh. Huwa stqarr li meta l-Gharab ghamlu xi xoghol ta' tikhil u tibjid fix-shaft jaf li ma ghamlux scafolding, izda nizlu bil-pont u filfatt huwa kien qal lill-Gharab biex jibzghu ghall-katusi. Huwa pero' ma jafx min huma dawn l-Gharab. Huwa filfatt ghandu n-numru tat-telefon ta' dan l-Gharbi li jismu Jimmy u x-xhud ta n-numru tat-telefon cellulari waqt id-depozizzjoni tieghu.

**Carmel Camilleri** xehed in kontro-ezami fit-13 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' manager go fabbrika u ma jahdimx ta' *plumber* u

*electrician.* Huwa kkonferma li s-Sur Gaffiero kien qabbdu sabiex jaghmel xi xogholijiet per ezempju jwahhallu xi *skirting* li waqa' wara xi bibien, u qal li dan ix-xoghol sar waqt li kienet tiela' l-blokka. Pero' spjega li l-blokka kienet diga' lesta. Huwa kien jaghtih daqqa ta' id anke waqt li kienet tielgha l-blokka per ezempju biex johrog xi terrapien u gieli kien jahdem hu wkoll. Huwa gieli ra lil Jesmond Azzopardi u l-haddiema tieghu hemm waqt li kienu qed jaghmlu x-xogholijiet. Huwa jaf li kien *electrician* u hemm ried ikun.

Ix-xhud stqarr li ilu jaf lil Pierre Gaffiero ghal xi ghoxrin sena. Huwa jaf li fil-flats 1 u 2 kienu saru xi xogholijiet strutturali mis-sidien il-godda pero' kien hemm xi xoghol lest qabel ma nbieghu. Huwa kkonferma li s-sidien il-godda qabdu *plumbers* u *electricians* godda u dan ghax ma kienx hemm xoghol kif suppost. Per ezempju fil-*penthouse* fejn kienet imwahla ic-*circuit breaker* maghrufa bhal is-salva vita, flok ma din kienet imwahhal 0.03 din kienet imwahhla 0.1 u dan iffisser li jekk persuna tiehu xokk lanqas lejl ma taghmel. Ix-xhud esebixxa zewg salvaviti u fuqhom hemm miktub dak li ghadu kif qal u cioe' li hemm 0.1 flok 0.03 u dawn gew immarkati bhala dokument Z. Huwa stqarr li l-*flushings* li gew imwahhlin kienu kollha jqattru, u filfatt is-sur Azzopardi gie jirrangahom u baqghu jqattru. Il-katusi tad-dranagg huma kollha bojod, filfatt jidhru qishom ilhom imwahhla xi ghaxar snin ghax saru kannella u kollha mtebbghin. Fil-flat 4 il-*wires tal-cooker* tad-dawl minflok mghoddija bil-four millimeters kienu mghoddija normali 2.5 wires normali ma' plakka. Huma kellhom jaqalawhom barra minkejja li kien hemm il-madum imwahhal u jghadduhom kif, u jehel *circuit breaker* ghal *cooker* biss, ghax hekk titlob is-sengha. Filfatt ix-xhud kien dar fuq Pierre u qallu li huwa inutli li joqghod jghid lilu biex jirrangaw l-hawn u l-hemm, u li kellu jgib electrical engineer sabiex jaghmel rapport bin-nuqqasijiet li kien hemm.

Huwa ddikjara li m’ghandux licenzja ta’ *plumber* u ta’ *eletrician*. Huwa ma kienx qed jiehu hsieb l-*electrician* u l-bajjad. Ix-xhud kien jaghmel dak li kien jghidlu biex jaghmel is-sur Gaffiero biss. Pero’ jekk per ezempju x-xhud kien imur u jara lil tal-madum qieghed iwahhal il-madum u jara li tnejn minnhom ma jkunux kif suppost, hu kien jghidlu jaqlahom u jaghmilhom kif suppost. Jekk kien jara lil Jesmond li kien qed jaghmel plakka mghawga kien jghidlu biex jirrangaha. Huwa sostna li ma kienx ikun hu li kien iwaqqfu lis-sur Azzopardi, naturalment is-sur Gaffiero kien jaghmel dan. Huwa ddikjara li ma jafx x’ghamel is-sur Gaffiero. Pero’ jaf li s-sur Azzopardi ghamel xi xoghol iehor f’xi blokok ohrajn tas-sur Gaffiero.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2013 il-Qorti nnominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jiehu konjizzjoni tal-process u jaccedi fil-fond mertu tal-kawza u jaghmel il-konsultazzjonijiet teknici tieghu.

**Alex Azzopardi** xehed fid-9 ta’ Lulju 2013 fejn ikkonferma li huwa sid il-penthouse tal-blokk in kwistjoni. Mistoqsi meta dahal jghix f’dan il-post wiegeb li ha jaghlaq tliet snin f’Settembru tal-2013. Huwa spjega li s-sistema tad-dawl kienet diga fil-post meta xtrah. Fil-fatt anke s-sistema tal-ilma, huwa xtrah lest bil-bibien b’kollox. Huwa stqarr li kien hemm xi affarijiet zghar pero’ dawn gew irrangati.

**Emanuel Grixti** xehed fid-9 ta’ Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu 63 sena u ilu hajtu kollha jahdem fl-elettriku. Filfatt stqarr li ilu hamsa u tletin sena jahdem ma’ kumpanija Amerikana gewwa l-Amerka fuq l-elettriku. Huwa ghandu wkoll City and Guilds fl-elettriku u fit-telecommunication u ghandu l-licenzja ta’ Pilot u tuition Master. Ix-xhud jiftakar li kien mar jiccekja s-sistema

tal-elettriku li hemm f'Doulton Court u dan flimkien ma' Jesmond Azzopardi l-attur. Huwa jmur ma' Jesmond Azzopardi minn zmien ghal zmien sabiex jara l-finishes li jkun ghamel fl-elettriku fil-postijiet meta jigi biex jaghlaq is-sistema tal-elettriku u jaghmlu bis-circuit. Dan ghax huma jittestjawhom permezz tal-meter specjali li ghandhom. Mistoqsi jekk f'dan il-blokk sarx ukoll, wiegeb li iva, u qal li jiftakar li dan kien sar fis-sajf ta' 2010. Fil-fatt jista' jkun li sar xi ftit qabel ukoll. Huwa sostna li dak iz-zmien meta telaq, id-dawl kien kollu jiffunzjona u naturalment ittestjat.

Il-**Perit Valerio Schembri** xehed fis-7 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti kif preseduta sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament, liema relazzjoni kienet gietipprezentata fis-6 ta' Frar 2014.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"Mill-verbal tan-nomina jidher b'mod car illi esponent gie inkarigat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu dwar jekk it-talba attrici hiex gustifikata o meno wara li jiehu konjizzjoni ta' l-atti u ta' dak li jara icto okuli in situ.*

*Illi hekk kif jirrizulta mill-verbal ta' l-access datat 30 ta' Settembru 2013 ma kienx possibbli illi l-esponent jaccedi fl-ebda parti tal-blokka apartamenti, garages u komun formanti parti mill-korp tal-bini mertu tal-kawza u*

*ghaldaqstant* ***konstatazzjonijiet icto okuli dwar ix-xogholijiet mertu tal-kawza ma kienux possibbli li jsiru.***

*Illi ghalkemm l-esponent ha konjizzjoni ta' l-atti kollha inkluz ukoll dokumenti pprezentati quddiemu, ma jhossx li huwa possibli ghalih li jasal jikkonkludi jekk ix-xogholijiet li qed jghid li ghamel ir-rikorrent skond id-dokumenti pprezentati minnhu Dok MAM 071101 fil-veru fatt gewx esegwiti o meno, u jekk gew esegwiti hux fl-ammonti li qed jallega r-rikorrent, minghajr ma jara b'ghajnejn ix-xogholijiet in kwistjoni. Jsegwi li wisq u wisq inqas ma jista l-esponent bla ma jara x-xoghol li allegatament sar, jasal jikwantifika figura ta' hlas dovuta lir-rikorrent ghax-xogholijiet allegatament esegwiti.*

***Fic-cirkostanzi u fid-dawl ta' dak li ntqal fis-suespost bl-ebda mod il-Perit Tekniku ma jista jasal sabiex jikkonkludi jekk it-talba attrici hix gustifikata o meno."***

Rat l-affidavit ta' **Jesmond Azzopardi** li gie pprezentat fis-7 ta' Novembru 2013 quddiem il-Perit Tekniku li permezz tieghu ipprezenta breakdown dettaljat tal-kont tieghu li jinsab gja esebit fil-process. Huwa annetta kopja ta' dan il-kont li gie mmarkat bhala Dok. DLH 1. L-attur spjega li Dok. DLH 1 huwa l-breakdown tal-installazzjoni, materjal u tax-xoghol tieghu fil-blokk kollu Doulton Court gewwa Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha. Dok. DLH 2 jikkonsisti fi breakdown tal-payments li rcieva akkont minghand Pierre Gaffiero Limited ghall-materjal u x-xoghol tieghu fl-istess blokk 'Doulton Court' mertu tal-kawza.

L-attur spjega illi Dok. DLH 3 jirrigwardja extra work fil-penthouse fejn kien ghad baqa’ bilanc ta’ €220 mill-kont ta’ €300. Dok. DLH 4 jirreferi ghall-electrical works gewwa l-partijiet komuni fil-blokk mertu tal-kawza li jammontaw ghal €2,190. L-attur qal illi Dok. DLH 5 huma l-plumbing u d-drainage fittings li ghamel fil-blokk mertu tal-kawza u f’dan id-dokument hemm il-bill of quantities tal-partijiet komuni. Dok. DLH 6 huma l-basement works u l-bill of quantities u l-prezzijiet tal-partijiet komuni tal-basement a rigward elettriku u ilma. Dok. DLH 7 huwa dokument illi jirrigwarda l-elettriku biss fil-maisonette tal-blokk ‘Doulton Court’, Triq Dun Frangisk Sciberras Mellieha. Dok. DLH 8 huwa dokument ipprezentat illi jirrigwarda l-elettriku ‘Electrical Installation Price List’ ta’ appartament numru 1 gewwa l-istess Doulton Court fejn hemm ukoll il-bill of quantities. Dok. DLH 9 huwa dokument li jirrigwarda l-electrical installation ta’ appartament numru 2 f’din il-binja fejn hemm ukoll il-bill of quantities. Dok. DLH 10 u DHL 11 huma dokumenti li jirrigwardaw l-electrical installation ta’ appartament numru 3 u 4 gewwa Doulton Court Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha rispettivament fejn hemm ukoll il-bill of quantities. Dok DLH 12 jikkontjeni l-istess informazzjoni ghar-rigward tal-penthouse.

L-attur ikkonferma dawn id-dokumenti kollha li pprezenta. Huwa kkonferma wkoll li x-xoghol ghamlu u ghamlu skond is-sengha u l-arti u ilu lest minn nofs is-sena 2010 u kien ghalhekk li huwa fetah din il-kawza ghaliex Pierre Gaffiero u l-kumpanija tieghu huma dovuti li jhallsuh il-bilanc ta’ €10,688 oltre l-imghaxijiet legali kummercjali u l-ispejjez tal-kawza. Huwa sostna li ma jistax ikun li jigi skappricjat b’dan il-mod ghax huwa ghandu bzonn dawn il-flejjes ghax huma tieghu  u ghandu bzonnhom sabiex jghajjex familtu. Huwa stqarr li m’ghandu diffikulta ta’ xejn li jkun hemm access fl-appartamenti u fil-garaxxijiet li hadem hu nkluz il-partijiet komuni ghax ma ghandu xejn x’jahbi.

**L-attur** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku fis-7 ta’ Jannar 2014 fejn saritlu referenza ghad-dokumenti esebiti u ghajr ghal dokument DLH 3 huwa kkonferma li hemm ma firem ta’ hadd fuq l-istess dokumenti. Mistoqsi ghaliex m’hemmx firem u lanqas il-firma tieghu wiegeb li ma ghandux spjegazzjoni. Huwa ddikjara li x-xoghol ghamlu wahdu mhux flimkien ma’ Francis Borg. Francis Borg kien imhallas mill-attur.

Hawnhekk Dr Frank Cassar esebixxa Dok. FC 070101 u Dok FC 070102 u gie kkonfrontat bil-verzjoni li s-Sur Gaffiero kien hallas lil dan Frances Borg li kien bi shab mieghu fuq dan ix-xoghol. Huwa tenna li dan ma kienx xoghol mieghu. Dan ix-xoghol kien ta’ kisi u tibjid li Frances Borg ghamel ghal rasu. Huwa ddikjara li qatt ma ghin lil Frances Borg fix-xoghol ta’ kisi u dan kien beda sitt xhur qabel l-attur. Fil-fatt l-attur kien jahdem bhala impjegat mas-Seabank Hotel u Frances Borg kien lavrant mieghu.

L-attur gie mitlub sabiex jikkonferma jekk sarx kuntratt bil-miktub wiegeb li kien sar ftehim quddiem in-Nutar Toni Abela u dan jinsab anness mal-avviz bhala Dok. A. Huwa spjega li dak li thallas minn Gaffiero jinsab fil-breakdown esebit minnu bhala Dok DLH 2. Ikkonferma li c-cekk PG 9 datat 21 ta’ Gunju, 2010 fl-ammont ta’ elfejn ewro (€2,000) kien ircevieh minghand Pierre Gaffiero Limited.

L-attur stqarr illi ma jafx ezatt meta beda jew spicca. Mid-dokumenti relattivi jidher li beda fis-sena 2009. Huwa tenna li dam circa sentejn u meta s-socjeta’ konvenuta kienet taghtih ic-cekkijiet huwa kien ghaddej bix-xoghol. Mistoqsi

ghaliex hargu cheques fl-istess zmien f'isem Frances Borg wiegeb li m'ghandux spjegazzjoni ghax huwa ma kellux x'jaqsam mieghu. L-attur ilu jaf lil Frances Borg disa' snin pero' ma kienx bi shab mieghu.

Huwa kompla jixhed in ri-ezami fejn spjega li l-inkarigu tieghu kien illi jaghmel d-dawl, l-ilma u l-copper tal-aircondition u d-drenagg tal-komun. Huwa kkonferma li kienu marru hu u Gaffiero ghand Toni Abelal. Frances Borg ma kienx mar. L-attur iddikjara li PG 12 u PG 13 ma humiex ta' xoghol tieghu. Rigward PG 9 spjega li dwar il-kwistjoni li c-cheque huwa ta' elfejn ewro u li l-attur allegatament fl-elenku Dok. DLH 2 nizzel elf u hames mitt ewro (€1,500) spjega li ghamel zball fid-data li hemm imnizzla 21/10/2010 meta filfatt riedet tigi 31/6/2010.

**Pierre Gaffiero** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku fl-4 ta' Frar 2014 fejn iddikjara li l-komun ma zammux f'ismu u dan fl-ebda kuntratt minnhom. Huwa ma fadallu l-ebda propjeta' fil-blokka. Huwa esebixxa Dok. PG 040201 u qal li din hija kopja ta' kuntratt maghmul minn Dr. Sam Abela fejn kien biegh il-penthouse. Il-konvenut ezenta lill-attur mill-jressaq lin-Nutar ghall-konferma tar-rapport. B'referenza ghall-fatt li hem miktub li l-komun ghadu proprjeta' tas-socjeta' konvenuta qal li dan huwa zball u li hu ma fadallu xejn minn din il-proprjeta'. Filfatt iddikjara li kien ser jaghmel id-debita korrezzjoni immedjatament. Huwa tenna li l-partijiet komuni huma ta' terzi u mhux tieghu u filfatt m'ghandux cwievet jew access ghal dan il-komun. Skond dan il-kuntratt il-komun ghadu tas-socjeta' konvenuta.

Il-konvenut kompla jixhed in ri-ezami u ddikjara li fil-kuntratt li ghadu kif esebixxa hemm miktub li huwa biegh il-penthouse u l-arja relattiva tal-bejt.

Illi nhar il-21 ta’ Mejju 2014 deher l-attur assistit minn Dr Mark Attard Montaldo li talab differiment sabiex jeskuti l-perit u l-kawza giet differita ghal nhar il-5 ta’ Gunju 2014 ghal dan l-iskop.

Illi nhar il-5 ta’ Gunju 2014 deher biss Dr Frank Cassar li talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Illi ghalhekk din il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza ghal nhar it-18 ta’ Gunju 2014.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza l-attur qed ifittex lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas bilanc dovut lilu fl-ammont ta’ ghaxart elef, sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€10,688) fuq xoghol li sar minnu skond ftehim ta’ appalt fuq proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta gewwa l-Mellieha. L-attur spjega li r-relazzjoni tieghu mas-socjeta’ konvenuta hija naxxenti mill-kuntratt esebit fl-atti a fol. 2, li huwa ftehim redatt minn Nutar Anthony Abela nhar it-30 ta’ Novembru 2009.

Illi skond dan il-ftehim l-attur kien obbliga ruhu li jaghmel xi xoghol ta’ plumbing u elettriku fil-korp tal-bini maghruf bl-isem Doulton Court, fi Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha filwaqt li fl-istess hin is-socjeta’ konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas lill-attur is-somma ta’ sbatax-il elf, erba’ mija u sebghin ewro u tletin centezmu (€17,470.30) permezz ta’ trasferiment ta’ garaxx

proprjeta' taghha lilu u l-bilanc kellu jithallas f'cash. Ghalhekk il-partijiet kienu ftehmu wkoll li dan il-ftehim ma jigix registrat u ghalhekk dwar il-ftehim tat-trasferiment tal-garaxx ma jidhirx li jista' jorbot lill-partijiet jew addirittura jigi enforzat. Jirrizulta wkoll li l-attur seta' bi pre-avviz ta' xahar jitlob lis-socjeta' konvenuta sabiex tersaq sabiex isir it-trasferiment tal-garaxx permezz ta' kuntratt.

Illi llum il-gurnata l-attur qed jghid li fadallu bilanc ta' ghaxart elef, sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€10,688) x'jigbor minghad is-socjeta' konvenuta. Waqt li s-socjeta' konvenuta qed issostni li gja halset l-ammont kollu dovut minnha ghas-saldu u in oltre l-attur m'ghandux jedd jitlob ghal aktar flus ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u li sar hazin tant li kellu jinqala' u jsir mill-gdid u in oltre id-dokument li fuqu l-attur qed jibbaza t-talba tieghu mhux wiehed legali ghaliex trasferiment ta' proprjeta' ghandha dejjem issir permezz ta' konvenju li jigi registrat u mhux b'semplici skrittura privata.

Jinghad li f'din il-kawza l-attur mhux qed jitlob lis-socjeta' tersaq sabiex tbieghlu l-garaxx kif obbliga ruhu li jaghmel fil-ftehim esebit a fol. 2 u dan ghaliex legalment ma jista' qatt jaghmel talba simili kif stqarret is-socjeta' konvenuta fir-raba' eccezzjoni taghha IZDA qed jitlob li jithallas tal-bilanc dovut lilu.

Illi ghalhekk huwa l-attur li qed jallega li ghandu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta. Huwa ta' bilhaqq necessarju li issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Enrico Camilleri vs Martin Borg**', deciza fis-17 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal- Appelli Civili (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-verzjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

*Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur.*

*F'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu."*

Ghar-rigward it-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Advertising**

**Limited (C27689) vs Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia**', deciza fit-30 ta' Novembru 2011 fejn inghad li t-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur huma skond il-gurisprudenza konstanti li:

a. *"Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a karigu tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).*

b. *Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).*

c. *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d. *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-*

*formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' Revizjoni (**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104)."*

Illi dwar il-Prova li sar hlas issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Joseph Said Ltd. (C5857) vs Vincent Galea'** nhar is-27 ta' Jannar 2011 fejn gie ritenut li:

*"Hawn ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet tal-konvenut ta' pagament jinkombi fuqu tenut kont tal-principju generali li min jallega jrid jipprova. Fid-dubju u fin-nuqqas tar-ricevuti kollha ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx kollu jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-kreditur huwa sodisfatt* ***("Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro. et nomine"*** *- A.C. 28 ta' Jannar 2000)."*

Issa f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta tramite x-xhud Pierre Gaffiero esebiet numru ta' images ta' cekkijiet flimkien mal-affidavit tieghu li huma ntestati f'isem Jesmond Azzopardi u France Borg. Skond il-kalkoli li ghamlet il-Qorti jirrizulta li mis-6 ta' Jannar 2010 sat-8 ta' Novembru 2010 huwa hareg cekkijiet fl-ammont ta' sbatax-il elf u hames mitt ewro (€17,500) f'isem Jesmond Azzopardi u s-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) f'isem France Borg. B'hekk

b'kollox huwa hallas is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500). Jidher li dawn il-pagamenti saru fiz-zmien immedjatament ghall-iffirmar tal-ftehim esebit fl-atti a fol. 2 datat 30 ta' Novembru 2009.

L-attur stess jghid li mieghu jghinu fuq ix-xoghol kien hemm France Borg. Pero' meta gie mistoqsi sabiex jispjega l-pagamenti li rcieva dan France Borg jghid li seta' kien il-kaz li dan ghamel xi xoghol independenti minnu ghas-socjeta' konvenuta. Jghid li huwa ma kellux negozju fi shab ma' Borg izda kien jghin lilu. L-attur naqas meta ma ressaqx lil dan ix-xhud sabiex jispjega x'kien l-arrangament li kien hemm bejnu u bejn is-sur Borg molto piu' meta tqis li s-socjeta' konvenuta minnufih u cioe' mill-mument li pprezentat l-eccezzjonijiet taghha ndikat li kien hemm France Borg li jahdem mal-attur u li parti mill-flus kienu dovuti lilu. Ghalhekk l-attur ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontesta li effettivament kien ircieva hlas fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) ghalih u ghall-ajutant tieghu France Borg.

Illi skond l-ittra indirizzata lil Dr Frank Cassar li kien qed jidher ghan-nom tas-socjeta' konvenuta mibghuta minn l-avukat difensur tal-attur esebita fl-atti a fol. 39 immarkata bhala Dok PG 18 jidher li fl-4 ta' Lulju 2011 meta x-xoghol kien gja lest it-talba tal-attur kienet fl-ammont ta' sbatax-il elf, erba' mija u sebghin Ewro u tletin centezmu (€17,470.30) u dan skond il-ftehim esbit fl-atti a fol. 2. Illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' cekk images li esebiet ipprovat almenu sal-grad tal-probabbli hija effettivament hallest lill-attur u fil-fatt aktar minn li kien misthoqq.

Jidher li m'hemmx dubju li x-xoghol il gie esegwit mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan kif gie pruvat b'mod sodisfacenti mix-xhieda imressqa

mis-socjeta’ konvenuta. Pero’ stante li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda kontro-talba ghad-danni li hija setghet soffriet minhabba li x-xoghol sar kif sar jew minhabba li hallset aktar milli misthoqq, din il-Qorti mhix ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-lanjanzi tas-socjeta’ konvenuta.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li s-socjeta’ konvenuta bil-provi li ressqet ipprovat  ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija hallset id-debitu taghha u li l-attur m’hu ntitolat ghal xejn aktar.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad it-talba tal-attur qieghda takkolji l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rimanenti eccezzjonijiet.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------